# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Rik. Nru.: 37/2024 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**JB**
**Vs**
**CC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atttrici datat 24 ta' Jannar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Dok JB1 Anness).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal TCB li twieldet nhar X u KCB li twieled nhar Y, u ghalhekk ghadhom minuri (Dok JB2 u JB3);*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), u dan bis-sahha ta' att pubbliku ippublika minn Nutar Dottor Elena Farrugia fl-istess jum (Dok JB4 Anness);*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li illum il-gurnata qedghin jghixu hajja totalment separati minn xulxin u*

*ilhom jghixu hekk separati sa minn meta sseparaw legalment.*

5. *Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet ghall-imsemmija ulied minuri filwaqt li l-istess partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;*

6. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk huma sodisfatti, peress li jezistu ragunijiet bizzejjed ai termini tal-ligi, sabiex iz-zwieg odjern jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall ossija id-divorzju, taz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet nhar il-wiehed u ghoxin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi zmien hemm akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi;*

*U dan taht kwalunkwe provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimat datata 25 ta' Marzu 2024, a fol 19 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors odjern bi zmien utili ghar-risposta tieghu, skond il-ligi.*

*Illi permezz tal-prezenti l-esponent jikkonferma li huwa ha konjizzjoni tar-rikors ikkonfermat bil-gurament u pprezentat mir-rikorrenti JB, fejn hija essenzjalment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg taghhom.*

*Illi ghal kull buon fini l-intimat qieghed ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi jikkonferma l-kontenut tal-istess rikors, u konsegwentement, jiddikjara li m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet odjerni tant illi qieghed jikkonferma dan kollu wkoll permezz tal-affidavit tieghu anness u mmarkat bhala Dok CC1.*

*Daqstant ghandu l-unur jissottometti l-esponenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi nhar it-22 ta' April 2024 li permezz taghha il-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx provi ulterjuri x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CC xehed (vide xhieda fol 20)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar il-21 ta' Frar 2004 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Awwissu 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**JB xehdet (vide xhieda fol 8)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Frar 2004 liema zwieg igib ic-certifikat numru 178/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia nhar il-25 ta' Awwissu 2023 (Vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 178/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**